# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 11**

**Rikors numru 831/2020/1 FDP**

***Sisco Company Limited* (C 14752)**

***v.***

**Joseph Ferriggi f'ismu proprju u fil-kapaċità tiegħu ta' uniku eredi universali ta' martu Judith Ferriggi; Nazzareno Borg; Maria Grazia *sive* Grace Borg; *Jibella Holdings Limited* (C 14389)**

1. Dan huwa appell ta' wħud mill-intimati minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Lulju 2022 illi laqgħet talba tas-soċjetà rikorrenti taħt l-artt. 258 u 259 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ordnat l-esekuzzjoni ta' att pubbliku. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'kuntratt tat-12 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela, l-intimat Joseph Ferriggi u martu Judith għarfu li għandhom jagħtu lis-

soċjetà rikorrenti erbgħin elf lira ta' Malta (Lm40,000) – illum tlieta u disgħin elf, mija u erbgħa u sebgħin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€93,174.94) – flimkien mal-imgħax bis-sebgħa fil-mija fis-sena (7% *p.a.*) minn dakinhar tal-kuntratt. Bis-saħħa tal-istess kuntratt is-soċjetà intimata *Jibella Holdings Limited* daħlet garanti mad-debituri Ferriggi għall-ħlas tad-dejn. Ukoll bis-saħħa tal-istess kuntratt l-intimati Nazzareno u Maria Grazia konjuġi Borg ukoll għarfu li għandhom jagħtu lis-soċjetà rikorrenti erbgħin elf lira (Lm40,000 - €93,174.94) flimkien mal-imgħax bir-rata ta' 7% *p.a.*

3. Il-kuntratt sar esekwibbli wara ittra ġudizzjarja tat-23 ta' Mejju 2003 magħmula għal dak li jrid l-art. 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Id-djun iżda baqgħu ma tħallsux, jew ma tħallsux għalkollox.

4. Fis-26 ta' Mejju 2017 ġiet nieqsa l-intimata Judith Ferriggi u wiritha waħdu bħala werriet universali żewġha l-intimat Joseph Ferriggi.

5. Billi għaddew ħames snin minn meta setgħet isseħħ l-esekuzzjoni tal-kuntratt u wkoll billi waħda mid-debituri ġiet nieqsa, ir-rikorrenti fetħet dawn il-proċeduri taħt l-artt. 258 u 259 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u talbet illi l-qorti tagħtiha s-setgħa li tesekwixxi l-kuntratt.

6. L-intimat Nazzareno Borg wieġeb illi mifrud legalment minn Maria Grazia Borg, li għandha sehem mid-dejn, u illi hu għamel ħlasijiet akkont tad-dejn u ma għandux jagħti daqskemm mitlub mir-rikorrenti. L-intimati Joseph Ferriggi u *Jibella Holdings Limited* ukoll wieġbu illi għamlu ħlasijiet akkont tad-dejn u ma għandhomx jagħtu daqskemm mitlub mir-rikorrenti.

7. Bil-provvediment tal-11 ta' Lulju 2022 li minnu sar dan l-appell l-ewwel qorti, wara illi osservat illi:

> »Jirriżulta, mid-diċitura tal-kuntratt meritu tal-kawża … illi, permezz ta' ftehim privat milħuq bejn il-partijiet fl-istess data tal-kuntratt meritu tal-kawża odjerna, ossija 12 ta' Novembru 1997, il-konjuġi Ferriggi kif ukoll Nazzareno Borg u Grace Borg, dak iż-żmien miżżewġin, kienu akkwistaw mingħand is-soċjetà *Sisco Company Limited* l-ishma illi l-istess soċjetà kellha fis-soċjetajiet Ace Investments Company Limited, *FHS Limited* u *Image Perfection Limited*, versu l-prezz globali ta' Lm40,000.
>
> »Jirriżulta li permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 12 ta' Novembru 1997, l-intimati kolllha, ossija Dr Joseph Ferriggi u martu Judith Ferriggi, personalment, Dr Joseph Ferriggi għan-nom ta' *Jibella Holdings Limtied* u Nazzareno Borg u Grace Borg, dak iż-żmien miżżewġin, ikkostitwew ruħhom debituri tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' Lm40,000 ekwivalenti għal Euro 93,174.94, *oltre* l-imgħax-ijiet bir-rata ta' sebgħa fil-mija.
>
> »Jirriżulta illi, permezz ta' tali ftehim, l-intimati kollha kellhom iħallsu s-somma fuq imsemmija kif ġej:
>
> > »a. Lm3,750 sa żmien sena mill-ftehim ossija sat-12 ta' Novembru 1998;
> >
> > »b. Lm4,125 sa żmien sentejn mill-ftehim ossija sat-12 ta' Novembru 1999;
> >
> > »ċ. Lm4,125 sa żmien tliet snin mill-ftehim ossija sat-12 ta' Novembru 2000;
> >
> > »d. il-bilanċ ta' Lm27,874 sa żmien tmien snin mill-ftehim ossija sat-12 ta' Novembru 2005.
>
> »Jirriżulta wkoll illi l-imgħax kien dovut fuq il-bilanċ dovut fuq bażi annwali bir-rata ta' sebgħa fil-mija.
>
> »Jirriżulta illi fit-23 ta' Mejju 2003 intbagħtet ittra uffiċjali fejn intalab il-ħlas ta' Lm12,160 u, a tenur tal-artikolu 256(2) tal-Kap 12, il-kuntratt pubbliku datat 12 ta' Novembru 1997,ġie reż titolu eżekuttiv.
>
> »Jirriżulta li Judith Ferriggi mietet fis-26 ta' Mejju 2017 … u l-aħħar testment huwa dak datat 7 ta' Novembru 2015 … fejn istitwiet bħala uniku eredi universali lil żewġha Joseph Ferriggi.
>
> »Permezz tal-każ odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-qorti sabiex tgħaddi għall-eżekuzzjoni *ai termini* tal-artikolu 258 tal-Kap. 12, u dan għaliex sa mid-data tal-ittra uffiċjali datata 23 ta' Mejju 2003 leħqu għaddew ħames snin sabiex dan it-titolu eżekuttiv jiġi eżegwit u għalhekk, a tenur tal-artikolu 258 (*ċ*) jeħtieġ illi ssir tali proċedura fejn jiġi kkonfermat illi l-ammont għadu dovut.
>
> »Minn naħa l-oħra, l-intimati kollha, għajr għal Grace Borg li ma rrispondietx, eċċepew li għamlu diversi ħlasijiet lis-soċjetà rikorrenti u li t-talba tas-soċjetà rikorrenti kif dedotta hija eċċessiva.
>
> »Jirriżulta … li Grace Borg, għalkemm notifikata, naqset li tippreżenta risposta entro t-terminu stabbilit mil-liġi, b'hekk hija kontumaċi.

»… … …

»Minn eżami tal-kuntratt indikat fir-rikors promotur, datat 12 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela, jidher evidentement li huwa kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.

»Jiġi osservat illi l-kawża oderna hija waħda sabiex l-effetti ta' sentenza sabiex tiġi eżekwita wara t-trapass ta' ħames snin, u dan abbażi tal-artikolu 258 (*ċ*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Fil-fatt, il-proċeduri odjerni huma intiżi unikament sabiex jestendu l-perjodu stabbilit mil-liġi ta' ħames snin għall-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv.

»… … …

»Fil-każ in eżami jiġi osservat ukoll li ma hemm ebda dubju li l-kuntratt tat-12 ta' Novembru 1997u dak hemm miftiehem jista' jiġi eżekwit fil-perjodu ta' ħames snin stabbiliti mil-liġi.

»Kif intqal fil-kawża *<u>Bank of Valletta p.l.c v.</u>* <u>Emanuel Portelli *et*</u> deċiża fit-28 ta' Ġunju 2019:

> »"… … … il-kompitu tal-qorti f'kawża tax-xorta bħal ma hi dik tal-lum huwa biss li tawtorizza t-tmexxija għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekutttiv u mhux biex tidħol fl-evalwazzjoni tal-kalkoli speċifiċi dwar l-ammonti dovuti u l-konteġġi kif saru mill-bank attur jew dwar aspetti oħra tal-istess kuntratt inkluż il-fatt li hemm ipoteki adekwati mogħtija mill-konvenuti lill-bank attur fir-rigward tad-dejn kostitwit. Infatti, għal dawk l-aspetti il-leġislatur ipprova permezz tal-artikolu 281(1) tal-Kap 12, li jipprovdi:
>
> > »"'(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.'
>
> »"Għalhekk, *una volta* li l-konvenuti odjerni jiġu rinfaċċjati bl-eżekuzzjoni tal-kuntratt in kwistjoni, jekk jidhrilhom li għandhom jattakkaw il-kuntratt in kwistjoni tal-1 ta' Frar 1999 jew parti minnu, jew l-eżekuzzjoni tiegħu, huma għandhom jagħmlu dan permezz ta' proċeduri appożiti skont il-liġi."

»… … …

»Għaldaqstant … din il-qorti ftit li xejn fadlilha xi żżid mal-kliem suċitati kif fuq redatti u tagħmilha ċara illi bil-preżenti deċiżjoni kull ma hija ser tagħmel huwa illi tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv ossija kuntratt datat 19 ta' Jannar 2010, u mhux tawtorizza l-ħruġ ta' att eżekuttiv li, minn natura tiegħu, jippermetti l-kontestazzjoni tiegħu bi proċeduri *ad hoc*.

»Jirriżulta, di fatti, illi mill-*affidavits* ta' Dr Joseph Ferriggi u Nazzareno Borg huma jikkontendu li akkwistaw is-sehem tas-soċjetà rikorrenti, li hija ta' Ronald Bonello, iżda wara tali akkwist intebħu b'ħafna problemi finanzjarji li huma jattribwixxu unikament lil Ronald Bonello.

»Madanakollu, għalkemm kemm Dr Joseph Ferriggi u Nazzareno Borg jagħmlu tali asserzjonijiet, imkien ma' jirriżulta illi l-ħlas meritu tal-

kostituzzjoni ta' debitu tat-12 ta' Nobembru 1997 ġie attwalment imħallas, kif minnhom dikjarat fid-difiża tagħhom.

»Għaldaqstant, abbażi tal-provi miġjuba, il-qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrent, kif dedotta .«

iddeċidiet hekk:

»Tilqa' t-talba kif dedotta u a tenur tal-artikolu 258 (*ċ*) tal-Kap. 12, tordna li l-kuntratt datat 12 ta' Novembru 1997 magħmul in atti tan-Nutar Joseph Abela kif fuq deskritt jiġi dikjarat bħala eżekwibbli fil-konfront tal-intimati kollha parti tal-proċeduri odjerni, u dana mid-data tas-sentenza 'l quddiem skond il-liġi.

»*In vista* tal-fatti kif esposti, il-qorti tqis illi jkun ġust u ekwu illi kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.«

8. L-intimati kollha ħlief Maria Grazia Borg appellaw b'rikors tal-10 t'Awissu 2022 li għalih *Sisco Company Limited* wieġbet fil-31 t'Ottubru 2022.

9. L-aggravji tal-appell ġew imfissra hekk:

»… … …l-ewwel qorti żbaljat meta rriteniet illi l-att illi tiegħu ntalbet l-esekuzzjoni huwa "kostituzzjoni ta' debitu" u *inoltre* bhala stat ta' fatt il-kuntratt in kwistjoni mhuwiex titolu esekuttiv minn dawk kontemplati fl-artikolu 253 (*b*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi mhuwiex kuntratt "dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq".

»Il-kumpannija rikorrenti talbet l-esekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku tat-12 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela illi hija tgħid illi ġie reż titolu esekuttiv b'ittra uffiċjali tat-23 ta' Mejju 2003. L-ewwel qorti irriteniet illi dan il-kuntratt pubbliku huwa "kostituzzjoni ta' debitu".

»… … … minn qari tal-kuntratt in kwistjoni, dak tat-12 ta' Novembru 1997 … huwa aktar milli evidenti illi tali kuntratt la huwa "kostituzzjoni ta' debitu" u lanqas kuntratt "dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq" kif kontemplat mill-artikolu 253 (*b*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Minn qari tan-nota illi hemm fuq l-istess kuntratt fl-ewwel paġna tiegħu fuq nett fuq in-naha tal-lemin il-kuntratt huwa wiehed ta' "*constitution of hypothecs*". L-ewwel parti ta' dan il-kuntratt hija l-parti fejn il-partijiet għamlu ċertu premessi u dikjarazzjonijiet. Fosthom ippremettew illi kien hemm diversi skritturi privati mnejn kien hemm ammont dovut mill-esponenti lill-kumpannija rikorrenti u li l-esponenti kienu "*debtors and/or guarantors*" tal-kumpannija rikorrenti. Il-premessi u d-dikjarazzjonijiet imsemmija jgħidu wkoll il-modalità tal-ħlas miftiehma. L-origini tad-dejn jidher illi huwa numru ta' skritturi privati illi ma ġewx esebiti fl-atti.

»Il-partijiet operattivi tal-kuntratt huma t-tieni u t-tielet parti tal-kuntratt fejn ġew kostitwiti ċerti garanziji ipotekarji mill-esponenti, speċjali u ġenerali, kif jirriżulta minn qari tal-istess kuntratt. Anke r-raba' parti tal-

kuntratt hija parti operattiva fejn il-partijiet ftiehmu dwar ċertu aspetti tar-reġistrazzjonijiet tal-ipoteki mertu tat-tieni u t-tielet parti tal-kuntratt.

»Il-kuntratt in kwistjoni ma kienx dwar dejn illi "għalaq" għaliex il-kuntratt minnu nnifsu kien jikkuntempla żmien wara tali kuntratt għall-ħlas. Għalhekk biss, il-kuntratt ma kienx dwar dejn illi "għalaq". Kwindi l-kuntratt in kwistjoni huwa wiehed ta' kostituzzjoni ta' ipoteki u mhuwiex dwar dejn illi huwa "ċert, likwidu u li għalaq" kif imsemmi fl-artikolu 253 (*b*) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Għalhekk il-kuntratt in kwistjoni mhuwiex titolu esekuttiv kif kontemplat minn tali artikolu tal-ligi u ma seta' qatt jiġi reż esekuttiv bl-ispedizzjoni ta' ittra uffiċjali kif pretiż mill-kumpannija rikorrenti.

»Teżisti wkoll raġuni oħra għaliex il-kuntratt in kwistjoni u l-ittra uffiċjali mibgħuta mill-kumpannija rikorrenti ma setgħux jitqiesu bħala titolu esekuttiv. Skond il-kuntratt tat-12 ta' Novembru 1997 l-aħħar paga-ment lill-kumpannija rikorrenti kellu jsir fi żmien tmien (8) snin (terminu msemmi fl-ewwel parti tal-kuntratt) jiġifieri sat-12 ta' Novembru 2005. L-ittra uffiċjali illi fuqha takkampa ruħha l-kumpannija rikorrenti ġiet ippreżentata ferm qabel dan it-terminu billi ġiet ippreżentata fit-23 ta' Mejju 2003 jiġifieri qabel it-trapass tat-terminu miftehem u msemmi fil-kuntratt.

»Il-kumpannija rikorrenti ma setgħet qatt tgħaddi għall-esekuzzjoni tad-dejn pretiż minnha ladarba mhux biss il-kuntratt innifsu ma kienx dwar dejn illi "għalaq" iżda lanqas biss kien ġie dovut id-dejn kollu fil-mument illi saret l-ittra uffiċjali. Bl-istess mod u ladarba ma setgħetx tgħaddi għall-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv illi ma jeżistix, l-ewwel qorti ma setgħetx tawtorizza l-esekuzzjoni tal-kuntratt in kwistjoni.

»Hawn l-esponenti jagħmlu referenza għat-tagħlim kontenut fis-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti tal-24 ta' Frar 2011 fl-ismijiet <u>Anthony Abela *et v.* Ronald Cordina *et*</u> fejn f'sitwazzjoni konsimili ġie deċiż illi kien hemm il-ħtieġa tad-dikjarazzjoni ġudizzjarja f'kawża *ad hoc.* B'din il-ħtieġa illi tintalab dikjarazzjoni ġudizzjarja f'kawża *ad hoc* l-esponenti kien ikollhom ukoll l-opportunità illi jqajmu difiżi relattivi għall-posizzjoni tagħhom rigward il-mertu liema posizzjoni ma għand-hiex tiġi preġudikata għaliex il-kumpannija rikorrenti intentat proċedura ħażina.«

10. Li l-kuntratt li tiegħu ntalbet esekuzzjoni huwa kuntratt ta' "kostituzzjoni ta' debitu", jew, kif ngħidu bil-Malti, ta' għarfien ta' dejn, joħroġ ċar mill-kliem stess tal-kuntratt:

»… … … the said spouses Ferriggi are debtors and/or guarantors in favour of the said *Sisco Company Limited* for a global amount of forty thousand Maltese Liri (Lm40,000), together with interests at the rate of seven *per cent. per annum* with effect from today, accruing on the outstanding balance of the said sum ofLm40,000.

»… … …

»… … … the said spouses Borg are debtors and/or guarantors in favour of the said *Sisco Company Limited*, for a global amount of forty

thousand Maltese Liri (Lm40,000), together with interests at the rate of *seven per cent. per annum*, with effect from today, accruing on the outstanding balance of the said sum of Lm40,000. «

11. Dawn il-partijiet tal-kuntratt huma "operattivi" daqs il-parti li ħolqot l-ipoteki, u aktar ċari minn hekk ma jistgħux ikunu.

12. U li tgħid illi l-kuntratt huwa ta' "kostituzzjoni ta' ipoteki" u mhux ta' għarfien ta' dejn huwa biss logħob bil-kliem. Jekk toħloq ipoteka biex tiggarantixxi l-ħlas ta' dejn tiegħek tkun qiegħed ukoll tagħraf id-dejn u mhux toħloq ipoteka fuq dejn li tiċħad.

13. L-argument inbagħad illi l-kuntratt ma kienx dwar dejn "li għalaq" huwa daqstant ieħor fieragħ. Il-kwistjoni ma hijiex jekk il-kuntratt kienx titolu esekuttiv dakinhar li ġie pubblikat; il-kwistjoni hija dwar jekk huwiex titolu esekuttiv illum li qiegħda tintalab l-esekuzzjoni tiegħu. Iż-żmien għall-ħlas miftiehem fil-kuntratt għadda, u għalhekk id-dejn illum huwa wieħed "li għalaq".

14. Argument ieħor huwa illi meta saret l-ittra ġudizzjarja fit-23 ta' Mejju 2003 kien għad hemm ħlasijiet illi ż-żmien għall-ħlas tagħhom kien għadu ma għalaqx.

15. Madankollu, kien hemm ukoll ħlasijiet oħra li ż-żmien tagħhom kien għalaq. Biex tgħaddi għall-esekuzzjoni tal-kuntratt dwar ħlasijiet li għalqu, il-kreditriċi ma kellhiex għalfejn tistenna li jagħaq iż-żmien għall-ħlasijiet kollha. Safejn għalhekk kien dwar ħlasijiet li għalqu, il-kuntratt seta' jsir esekwibbli bis-saħħa ta' att ġudizzjarju kif igħid l-art. 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

16. Illum iż-żmien għall-ħlasijiet kollha għalaq, u għalhekk bis-saħħa tal-*ius superveniens* il-kreditriċi tista' tgħaddi għall-esekuzzjoni tal-kuntratt kollu kemm hu.

17. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma l-provvediment appellat.

18. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fil-provvediment appellat; l-ispejjeż tal-appell iħallsuhom l-appellanti, u billi tqis l-appell bħala wieħed fieragħ maħsub biex itawwal il-proċeduri mingħajr bżonn, il-qorti wara li rat il-para. 10(1) tal-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tikkundanna lil kull wieħed u waħda mill-appellanti jħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta' elf euro (€1,000).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm